MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## ANNA FELICE

Seduta ta' l-20 ta' Ottubru, 2011

Citazzjoni Numru. 442/2008

**Emmanuel Vella u martu Maria Dolores Vella Croker**

**vs**

**Adelina Sacco u Connie Abdilla**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ta' Emmanuel Vella u Maria Dolores Vella Croker, li permezz tieghu, wara li ppremettew illi:

Permezz ta' sentenza moghtija minn dina l-Onorabbli Qorti datata 10 ta' Jannar 2008 (Citazz. Numru 199/98 JRM), l-atturi kienu gew ikkundannati fil-kapacita taghhom bhala "registered Consumer" sabiex ihallsu lis-socjeta' Go plc, is-somma ta' Euro 23,813.84 oltre l-imghaxijiet legali u l-ispejjez tal-kawza u dana ghal servizz tat-telephone indikat fl-istess kawza;

U in segwitu ta’ ftehim milhuq mas-socjeta’ Go plc, l-atturi hallsuhom is-somma ridotta ta’ Euro 40,000 ghas-saldu ta’ kull dritt u pretenzjoni li kellha din is-socjeta’ a tenur tal-precitata sentenza;

L-atturi hallsu ukoll l-ispejjez gudizzjarji tal-istess kawza li lahqu s-somma ta’ Euro 1,728;

Fil-fatt irrizulta anke mill-process tal-precitata kawza li s-servizz in kwistjoni kien qed jigi utilizzat esklussivament mill-konvenuti jew min minnhom;

Difatti, l-istess konvenuti kienu ffirmaw skrittura mas-socjeta’ Maltacom plc, illum Go plc, fejn dahlu garanti ghall-hlas tal-istess kontijiet tat-telephone u anke bdew jaffettwaw ripagamenti mensili jew sporadici;

Ghalhekk ghandu jirrizulta li l-atturi spiccaw li kellhom ihallsu s-somma hawn mitluba lil Go plc ghal servizz li kienu qed jaghmlu uzu minnu bhala konsumaturi effettivi l-istess konvenuti jew min minnhom;

Il-konvenuti gew inutilment interpellati sabiex jirrifondu lill-atturi s-somma minnhom imhallsa lis-socjeta’ Go plc;

Ghalhekk, l-atturi gew kostretti li jistitwixxu l-odjerna kawza kontra l-konvenuti;

Il-fatti hawn fuq esposti li jifformaw il-bazi ta’ dina l-kawza huma maghrufa personalment lid-dikjaranti;

Ghalhekk, il-konvenuti huma vera certi u likwidi debituri tal-atturi fis-somma ta’ Euros 41,728 rapprezentanti l-ammont ta’ flus li gew kostretti jhallsu tramite l-precitata sentenza ghal servizz li nqdew bih biss l-istess konvenuti;

Ghalhekk, jezistu l-elementi kollha rikjesti mil-ligi a tenur tal-artikoli 167 et seq tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta’ Malta stante li d-dejn huwa wiehed cert, likwidu u dovut u l-konvenuti ma ghandhomx eccezzjonijiet x’jaghtu kontra t-talba ghall-hlas tal-istess dejn.

Talbu l-atturi jghidu sabiex din l-Onorabbli Qorti joghgobha:

Fl-ewwel lok, tiddeciedi t-talba attrici bid-dispenza tas-smiegh tal-kawza a tenur tal-Artikolu 167 et seq Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta;

Tikkundanna liz-zewg konvenuti solidalment bejniethom jew lil min minnhom sabiex ihallsu lill-atturi l-ammont fuq indikat ta' Euros 41,728 rapprezentanti refuzjoni tal-ammont imhallas mill-atturi lis-socjeta' Go plc ghal servizz utilizzat esklussivament mill-istess konvenuti jew min minnhom.

Bl-imghaxijiet legali dekorribbli mill-prezentata ta' mandat ta' sekwestru kawtelatorju datat 11 ta' April 2008, u bl-ispejjez kollha inkluz dawk tal-istess mandat ta' sekwestru kontra l-konvenuti jew min minnhom li minn issa jinsabu ingunti biex jidhru ghas-subizzjoni.

Rat ir-risposta ta' Adelina Sacco u Connie Abdilla li eccepew illi:

It-talbiet attrici huma preskritti ai termini tal-Artikolu 2156 (f) tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' malta.

Minghajr pregudizzju ghas-suespost, it-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt stante illi huma bbazati fuq premessi invertjieri kif ser jirrizulta waqt it-trattazjoni tal-kawza.

Minghajr pregudizzju ghas-suespost, it-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt stante illi mhux minnu dak allegat mill-atturi fir-rikors taghhom illi l-konvenuti ffirmaw skrittura ma' Maltacom plc, illum Go plc, kif ser jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

Minghajr pregudizzju ghas-suespost, it-talbiet attrici huma totalment infondati fil-fatt u fid-dritt stante illi mhux minnu dak li qed jigi allegat mill-atturi fir-rikors taghhom illi s-servizz in kwistjoni kien qed jigi utilizzat esklussivament

mill-konvenuti kif ser jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

Fi kwalunkwe kaz u minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-ammont pretiz mill-atturi ma hux reali kif ser jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat li l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza dwar l-ewwel eccezzjoni tal-konvenuti.

L-imsemmija intimati jeccepixxu l-preskrizzjoni a tenur tal-Art. 2156 (f) tal-Kap. 16, u cioe' il-preskrizzjoni kwinkwennali. Fil-kuntest ta' preskrizzjoni huwa ben stabbilit illi kull interpretazzjoni ghandha tkun essenzjalment restrittiva, dan in vista tan-natura eccezzjonali tad-difiza innifisha.

Fil-kaz in ezami, jirrizulta mill-provi prodotti fil-kawza Nru. 199/98 JRM li, bi qbil bejn il-partijiet gew annessi mal-atti ta' din il-kawza illi fl-14 ta' Ottubru 1993, il-konvenuti rrikonoxxew id-debitu de quo. L-intimata Adelina Sacco ghamlet pagamenti sal-1996.

F'seduta f'Mejju 2003, l-istess intimata rrikonoxxiet ukoll illi hija ghamlet zmien thallas pagamenti akkonti.

Jirrizulta illi fl-4 ta' Novembru 2003, l-intimata odjerni gew notifikati fil-kawza fuq imsemmija li Maltacom kienet istitwiet kontra l-atturi odjerni u li fiha gew imsejha l-intimati. Il-kawza odjerna giet prezentata fit-30 ta' April 2008.

Il-Qorti tirreferi ghas-sentenza tal-Qorti tal-kummerc fil-kawza "Sammut vs Vella" (31 ta' Mejju 1995), fejn gie ritenut li pagamenti akkont huma rikonoxximent ta' debitu. Inoltre, fil-kawza "Gialanze vs Rizzo" (29 ta' Jannar 1998), tenniet illi "id-debitur li jammetti li ghandu jaghti lill-attur, imma ma jirrikonoxxix bhala ezatta s-somma pretiza li rrinunzja ghall-preskrizzjoni" (Qorti tal-Appell [Sede Inferjuri]).

Fid-dawl tal-fuq espost, l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni sollevata mill-konvenuti qed tigi michuda. Il-Qorti tordna, ghaldaqstant, li l-kawza titkompla regolarment.

L-ispejjez relatati ma’ din id-decizjoni jkunu a karigu tal-konvenuti.

**< Sentenza In Parte >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------